# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Illum, 13 ta' Frar 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1146/19GM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

vs

**Sarto Limited (C25548), Vincent Farrugia (K.I. 679652M), Nathalie Farrugia (K.I. 20054M), V F Group Limited (C12944), Sole D'oro Limited (C16697)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Bank attur ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ippremetta:-

1. Illi huwa kreditur tal-konvenuti wara li kien ipprovda diversi faċilitajiet bankarji lis-soċjeta' konvenuta Sarto Limited liema faċilitajiet kienu jinkludu s-segwenti :-

(a) Faċilitajiet għas-somma totali ta' sitt mitt elf Euro (€600,000.00) u dan in segwitu ta' kuntratt ta' *overdraft* fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon tad-9 ta' Ġunju 2011, kuntratt ta' *overdraft* fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon tat-

13 ta' April, 2012 u kuntratt ta' *overdraft* fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza tad-9 ta' Ottubru 2013 u preżentement l-istess Sarto Limited hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur għas-segwenti ammonti :-

(i) Mitejn u erbgħa u sittin elf sitt mija u ħamsa u ħamsin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€264,655.95) dovuti in konessjoni mal-kont ta' *overdraft* Numru 061-254322-001 u rappreżentanti kwantu għal €250,000 bħala kapital u in kwantu għas-somma ta' €14,655.95 rappreżentanti imgħaxijiet li ddekorrew fuq il-kapital sal-24 ta' April 2019, salvi imgħaxijiet legali ulterjuri mill-25 ta' April 2019 sal-pagament effettiv;

(ii) Tlett mija u erbgħa u sittin elf, erbgħa mija u għaxar Euro u sebgħa u għoxrin ċentezmu (€364,410.27) dovuti in konnessjoni mal-Kont ta' Overdraft Numru 061-254322-003 u rappreżentanti kwantu għal €349,402.63 bħala kapital u kwantu għal €15,007.64 imgħax fuq il-kapital sal-24 t' April 2019 salvi imgħaxijiet legali ulterjuri mill-25 ta' April 2019 sal-pagament effettiv;

(b) Faċilitajiet ta' self *Business Loan* bin-numru 061-254322-200 fis-somma ta' sitt mija u ħamsin Elf Euro (€650,000.00) permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon tat-13 ta' April 2012 u presentement l-istess Sarto Limited hija debitriċi fil-konfront tal-Bank attur fl-ammont ta' mitejn u tlieta u ħamsin elf sitt mija u sitta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€253,626.97), rappreżentanti kwantu għal €250,454.55 bħala kapital u kwantu għal €3,172.42 bħala imgħax sat-30 ta' Mejju 2019 salvi imgħaxijiet legali ulterjuri mill-31 ta' Mejju 2019 sal-pagament effettiv.

(c) Faċilita` oħra ta' self *Business Loan* bin-numru 061-254322-300 fis-somma ta' tlett mija u disgħin elf Euro (€390,000.00) permezz ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Elisa Falzon tad-9 ta' Ġunju 2011 u li preżentement l-istess Sarto Limited għandha tagħti lill-Bank attur is-somma ta' ħamest elef u sittax-il Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€5,016.63) rappreżentanti kwantu għal Eur 5,000.00 bħala kapital u kwantu għal Eur 16.63 rappreżentanti imgħax sat-22 ta' Mejju 2019

salvi imgħaxijiet legali ulterjuri mit-23 ta' Mejju 2019 sal-pagament effettiv.

2. Illi għal dawn il-faċilitajiet bankarji daħlu bħala garanti *in solidum* il-konvenuti Vincent u Nathalie konjuġi Farrugia u V F Group Limited filwaqt li s-soċjeta' konvenuta Sole D'Oro Limited daħlet bħala garanti favur l-istess Bank attur iżda sal-ammont ta' tlett mija u ħamsin elf Euro (€350,000.00) oltre imgħaxijiet legali ulterjuri minn sitt xhur qabel id-data tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagament skond l-istess ittra uffiċjali imgħaxijiet relattivi kif pattwit.

3. Illi interpellati sabiex iħallsu l-ammonti dovuti anke permezz tal-ittri uffiċjali tas-7 ta' Settembru 2018 iżda l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

U konsegwentement talab lil din il-Qorti:

1. Tikkundanna għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lill-konvenuti iħallsu lill-Bank attur s-somma komplessiva ta' tmien mija u sebgħa u tmenin elf seba' mija u disa' Euro u tnejn u tmenin ċentezmu ( €887,709.82), salvi imgħaxijiet ulterjuri kif hawn fuq premess sal-pagament effettiv b'dan pero illi l-kundanna fil-konfront tas-soċjeta konvenuta Sole D'Oro Limited għandha tiġi limitata sa' massimu ta' tlett mija u ħamsin elf Euro (€350,000.00) oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri minn sitt xhur qabel id-data tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagment skond l-istess ittra uffiċjali;

2. Bl-ispejjeż inkluzi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 7 ta' Settembru 2018 kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota tal-konvenuti ppreżentata waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2020 li permezz tagħha ammettew it-talbiet tal-bank attur kif dedotti fl-atti taċ-ċitazzjoni[1];

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta

[1] Fol 143.

pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-Bank attur kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundanna għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lill-konvenuti iħallsu lill-Bank attur s-somma komplessiva ta' tmien mija u sebgħa u tmenin elf seba' mija u disa' Euro u tnejn u tmenin ċentezmu (€887,709.82), salvi mgħaxijiet ulterjuri kif hawn fuq premess sal-pagament effettiv b'dan pero` illi l-kundanna fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta Sole D'Oro Limited għandha tiġi limitata sa' massimu ta' tlett mija u ħamsin elf Euro (€350,000.00) oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri minn sitt xhur qabel id-data tal-ittra uffiċjali tas-7 ta' Settembru 2018 sad-data tal-effettiv pagment skond l-istess ittra uffiċjali;

Bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittri uffiċjali datati 7 ta' Settembru 2018 kontra l-konvenuti.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA